# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1937

**tad-9 ta' Novembru 2021**

**li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' molluski u krustaċji maħsuba biex jinżammu għal skopijiet ornamentali f'faċilitajiet magħluqa u li jistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi jew territorji, jew iż-żoni jew il-kompartimenti tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' tali kunsinni**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 230(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi, fost l-oħrajn, ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali, u japplika mill-21 ta' April 2021. Wieħed minn dawk ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali huwa li dawk il-kunsinni jridu jkunu ġejjin minn pajjiż terz jew territorju, jew żona jew kompartiment tiegħu, elenkat f'konformità mal-Artikolu 230(1) ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 [2] li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 fir-rigward tar-regoli tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta', fost l-oħrajn, kunsinni ta' ċerti speċijiet u kategoriji ta' annimali akkwatiċi minn pajjiżi terzi jew territorji, jew iż-żoni jew, fil-każ ta' annimali tal-akkwakultura, kompartimenti tagħhom. Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jipprovdi li l-kunsinni ta' annimali akkwatiċi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jistgħu jkunu permessi jidħlu fl-Unjoni biss, jekk ikunu ġejjin minn pajjiż terz jew territorju, jew żona jew fil-każ ta' annimali tal-akkwakultura, kompartiment tagħhom, elenkati għall-ispeċijiet u l-kategoriji partikolari ta' dawk l-annimali akkwatiċi skont ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali stabbiliti f'dak ir-Regolament Delegat.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 [3] jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi jew territorji, jew iż-żoni jew kompartimenti tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta', fost l-oħrajn, speċijiet u kategoriji ta' dawk l-annimali akkwatiċi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

(4) Għal ħafna snin, molluski u krustaċji maħsuba biex jinżammu għal skopijiet ornamentali f'faċilitajiet magħluqa daħlu fl-Unjoni minn pajjiżi terzi jew territorji, li kienu elenkati mill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE), f'konformità mal-Kapitolu IV tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE [4], li issa tħassret bir-Regolament (UE) 2016/429, u l-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1251/2008 [5], issa mħassar

(1) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379).

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tat-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

(4) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE tal-24 ta' Ottubru 2006 dwar il-ħtiġiet tas-saħħa tal-annimali għall-annimali tal-akkwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard f'annimali akkwatiċi (ĠU L 328, 24.11.2006, p.14).

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1251/2005 tat-12 ta' Diċembru 2008 li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE fir-rigward tal-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni għat-tqegħid fis-suq u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali tal-akkwakultura u prodotti tagħhom u li jistabbilixxi lista ta' speċi li jgħaddu l-mard (ĠU L 337, 16.12.2008, p. 41).

mir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 2020/2236 ([6]). L-importazzjoni ta’ dawn l-annimali akkwatiċi ma ġietx assoċjata ma’ tifqigħat ta’ mard elenkat ta’ molluski jew krustaċji, u matul dak iż-żmien, inġabret esperjenza minn kontrolli uffiċjali mwettqa fuq tali kunsinni f’punti ta’ dħul fl-Unjoni, u f’ċerti każijiet, permezz ta’ kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Kummissjoni fil-pajjiż terz jew territorju kkonċernat.

(5) Skont l-Artikolu 230(1), il-punt (i) tar-Regolament (UE) 2016/429, il-Kummissjoni tista’, permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni, tfassal lista ta’ pajjiżi u territorji terzi li minnhom jista’ jiġi permess id-dħul fl-Unjoni ta’ speċijiet u kategoriji speċifiċi ta’ annimali, abbażi ta’ kwalunkwe esperjenza miksuba minn meta f’każijiet preċedenti ddaħħlu annimali mill-pajjiż terz jew mit-territorju kkonċernat, u mir-riżultati tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fil-punt tad-dħul fl-Unjoni ta’ tali annimali.

(6) Jixraq li r-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jiġi emendat biex iqis l-esperjenza miksuba mill-kummerċ preċedenti f’dawk il-molluski jew krustaċji tal-ispeċijiet elenkati, biex b’hekk tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel mill-qafas leġiżlattiv preċedenti, skont id-Direttiva 2006/88/KE u r-Regolament (KE) Nru 1251/2008, għall-qafas leġiżlattiv il-ġdid, skont ir-Regolament (UE) 2016/429.

(7) L-Artikolu 3(1), il-punt (t) tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/404 għandu għalhekk jiġi emendat biex titqies il-lista l-ġdida, stabbilita b’dan ir-Regolament, ta’ pajjiżi terzi jew territorji, jew iż-żoni jew kompartimenti tagħhom, li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta’ kunsinni ta’ molluski u krustaċji tal-ispeċijiet elenkati maħsuba biex jinżammu għal skopijiet ornamentali f’faċilitajiet magħluqa.

(8) L-Anness XXI tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 2021/404, li jistabbilixxi l-lista ta’ pajjiżi terzi jew territorji, jew iż-żoni jew kompartimenti tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta’ kunsinni ta’ ċerti annimali akkwatiċi, jenħtieġ li jiġi emendat biex jinkludi dik il-lista l-ġdida u għalhekk jenħtieġ li l-lista eżistenti tiġi aġġornata skont dan. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċarezza, il-verżjoni tal-Anness XXI tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fis-seħħ jenħtieġ li tiġi sostitwita b’waħda ġdida.

(9) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jiġi emendat skont dan.

(10) Billi r-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/404 japplika mill-21 ta’ April 2021, fl-interess taċ-ċertezza ġuridika, l-emendi li għandhom isiru fir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/404 b’dan ir-Regolament jenħtieġ li jsiru effettivi b’urġenza.

(11) Il-miżuri previsti f’dan ir-Regolament huma f’konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 3(1), il-punt (t) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(t) L-Anness XXI għall-annimali akkwatiċi tal-ispeċijiet elenkati, kif ġej:

(i) Parti 1, Taqsima A, għall-annimali akkwatiċi tal-ispeċijiet elenkati maħsuba għal ċerti stabbilimenti tal-akkwakultura, għar-rilaxx fis-selvaġġ jew għal skopijiet oħrajn, għajr il-konsum mill-bniedem, kif ukoll għal ċerti annimali akkwatiċi tal-ispeċijiet elenkati u prodotti li joriġinaw mill-annimali minn dawk l-ispeċijiet elenkati li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem;

(ii) Parti 1, Taqsima B, għall-molluski u l-krustaċji maħsuba biex jinżammu għal skopijiet ornamentali f’faċilitajiet magħluqa.”;

([6]) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2236 tas-16 ta’ Diċembru 2020 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) 2016/429 u (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni u għall-movimenti fl-Unjoni ta’ konsenji ta’ annimali akkwatiċi u ta’ ċerti prodotti li ġejjin mill-annimali akkwatiċi, taċ-ċertifikazzjoni uffiċjali rigward tali ċertifikati u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru1251/2008 (ĠU L 442, 30.12.2020, p. 410).

(2) L-Anness XXI huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta’ dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta’ Novembru 2021.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

L-Anness XXI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"ANNESS XXI*

**ANNIMALI AKKWATIĊI**

IL-PARTI 1

*TAQSIMA A*

**Lista ta' pajjiżi terzi jew territorji, jew iż-żoni jew kompartimenti tagħhom li minnhom id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' annimali akkwatiċi ħajjin tal-ispeċijiet elenkati għall-finijiet imsemmija fil-punt (1)(t) tal-Artikolu 3, huwa awtorizzat**

| **Kodiċi ISO u isem**it-terri-erritorju jew il-pajjiż terz | **Kodiċi taż-żona jew tal-komparti-ment**kif stabbilit fil-Parti 2 | Speċijiet u kategoriji permessi li jidħlu fl-Unjoni | | | **Ċertifikati tas-saħħa tal-annimali** | **Kundizz-jonijiet speċifiċi-**kif stabbilit fil-Parti 3 | **Garanziji tas-saħħa tal-annimali-**kif stabbilit fil-Parti 4 | **Data tal-għeluq** | **Data tal-ftuħ** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | **Ħut** | **Molluski** | **Krustaċji** | | | | | |
| **1** | **2** | **3** | **4** | **5** | **6** | **7** | **8** | **9** | **10** |
| **AU**<br>L-Awstralja | AU-0 | L-ispeċijiet kollha elenkati | | | AQUA-ENTRY-ESTTAB/RELEASE/OTHER | | | | |
| | | | | | FISH-CRUST-HC | A | | | |
| **BR**<br>Il-Brażil | BR-0 | L-ispeċijiet elenkati ta'*Cyprinidae* | | | AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER | | | | |
| | | | | | FISH-CRUST-HC | A | | | |
| **CA**<br>Il-Kanada | CA-0 | L-ispeċijiet kollha elenkati ħlief dawk suxxettibbli jew meqjusa bħala vetturi għas-settiċemija emorraġika virali skont l-Anness XXX tar-Regolament (UE) 2020/692 | | | AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER | | | | |
| | | | | | FISH-CRUST-HC | A | | | |
| | CA-1 | L-ispeċijiet kollha elenkati | | | AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER | | | | |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | FISH-CRUST-HC | A | | | |
| | CA-2 | | | | AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER | | | | |
| | | | | | FISH-CRUST-HC | A | | | |
| | CA-3 | | | | AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER | | | | |
| | | | | | FISH-CRUST-HC | A | | | |
| | CA-4 | | | | AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER | | | | |
| | | | | | FISH-CRUST-HC | A | | | |
| | CA-5 | | | | AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER | | | | |
| | | | | | FISH-CRUST-HC | A | | | |
| | CA-6 | | | | AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER | | | | |
| | | | | | FISH-CRUST-HC | A | | | |
| | CA-7 | | | | AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER | | | | |
| | | | | | FISH-CRUST-HC | A | | | |
| | CA-8 | | | | AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER | | | | |
| | | | | | FISH-CRUST-HC | A | | | |
| | CA-9 | | | | AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER | | | | |
| | | | | | FISH-CRUST-HC | A | | | |
| | CA-10 | | | | AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER | | | | |
| | | | | | FISH-CRUST-HC | A | | | |
| | CA-11 | | | | AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER | | | | |
| | | | | | FISH-CRUST-HC | A | | | |
| | CA-12 | | | | AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER | | | | |
| | | | | | FISH-CRUST-HC | A | | | |
| **CG** Il-Kongo | CG-0 | L-ispeċijiet kollha elenkati ta' *Cyprinidae* | | | AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER | | | | |
| | | | | | FISH-CRUST-HC | A | | | |
| **CH** L-Iżvizzera | CH-0 | Soġġett għall-Ftehim imsemmi fil-punt 7 tal-Anness I | | | | | | | |
| **CL** Iċ-Ċilì | CL-0 | L-ispeċijiet kollha elenkati | | | AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER | | | | |
| | | | | | FISH-CRUST-HC | A | | | |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **CN** Iċ-Ċina | CN-0 | L-ispeċijiet kollha elenkati ta' *Cyprinidae* | | | AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER | | | | |
| | | | | | FISH-CRUST-HC | A | | | |
| **CO** Il-Kolombja | CO-0 | L-ispeċijiet kollha elenkati ta' *Cyprinidae* | | | AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER | | | | |
| | | | | | FISH-CRUST-HC | A | | | |
| **GB** Ir-Renju Unit | GB-0 | L-ispeċijiet kollha elenkati | L-ispeċijiet kollha elenkati | L-ispeċi-jiet kollha elenkati | AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER | | | | |
| | | | | | FISH-CRUST-HC | A | | | |
| | | | | | MOL-HC | B | | | |
| **GG** Il-Guernsey | GG-0 | L-ispeċijiet kollha elenkati | L-ispeċijiet kollha elenkati | L-ispeċi-jiet kollha elenkati | AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER | | | | |
| | | | | | FISH-CRUST-HC | A | | | |
| | | | | | MOL-HC | B | | | |
| **HK** Il-Ħong Kong | HK-0 | L-ispeċijiet kollha elenkati ta' *Cyprinidae* | | | AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER | | | | |
| | | | | | FISH-CRUST-HC | A | | | |
| **ID** L-Indoneżja | ID-0 | L-ispeċijiet kollha elenkati | | | AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER | | | | |
| | | | | | FISH-CRUST-HC | A | | | |
| **IL** L-Iżrael | IL-0 | L-ispeċijiet kollha elenkati | | | AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER | | | | |
| | | | | | FISH-CRUST-HC | A | | | |
| **IM** L-Isle of Man | IM-0 | L-ispeċijiet kollha elenkati | | | AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER | | | | |
| | | | | | FISH-CRUST-HC | A | | | |
| **JE** Jersey | JE-0 | L-ispeċijiet kollha elenkati | L-ispeċijiet kollha elenkati | L-ispeċi-jiet kollha elenkati | AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER | | | | |
| | | | | | FISH-CRUST-HC | A | | | |
| | | | | | MOL-HC | B | | | |
| **JM** Il-Ġamajka | JM-0 | L-ispeċijiet kollha elenkati ta' *Cyprinidae* | | | AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER | | | | |
| | | | | | FISH-CRUST-HC | A | | | |
| **JP** Il-Ġappun | JP-0 | L-ispeċijiet kollha elenkati ta' *Cyprinidae* | | | AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER | | | | |
| | | | | | FISH-CRUST-HC | A | | | |
| **LK** Is-Sri Lanka | LK-0 | L-ispeċijiet kollha elenkati ta' *Cyprinidae* | | | AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER | | | | |
| | | | | | FISH-CRUST-HC | A | | | |
| **MK** Il-Maċedonja ta' Fuq | MK-0 | L-ispeċijiet kollha elenkati ta' *Cyprinidae* | | | AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER | | | | |
| | | | | | FISH-CRUST-HC | A | | | |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **MY** Il-Malasja | MY-1 | L-ispeċijiet kollha elenkati ta' *Cyprinidae* | | | AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER | | | | |
| | | | | | FISH-CRUST-HC | A | | | |
| **NZ** In-New Zealand | NZ-0 | L-ispeċijiet kollha elenkati | | | AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER | | | | |
| | | | | | FISH-CRUST-HC | A | | | |
| **RU** Ir-Russja | RU-0 | L-ispeċijiet kollha elenkati | | | AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER | | | | |
| | | | | | FISH-CRUST-HC | A | | | |
| **SG** Singapore | SG-0 | L-ispeċijiet kollha elenkati ta' *Cyprinidae* | | | AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER | | | | |
| | | | | | FISH-CRUST-HC | A | | | |
| **TH** It-Tajlandja | TH-0 | L-ispeċijiet kollha elenkati | | | AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER | | | | |
| | | | | | FISH-CRUST-HC | A | | | |
| **TR** It-Turkija | TR-0 | L-ispeċijiet kollha elenkati | | | AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER | | | | |
| | | | | | FISH-CRUST-HC | A | | | |
| **TW** It-Tajwan | TW-0 | L-ispeċijiet kollha elenkati ta' *Cyprinidae* | | | AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER | | | | |
| | | | | | FISH-CRUST-HC | A | | | |
| **US** L-Istati Uniti [1] | US-0 | L-ispeċijiet kollha elenkati ħlief dawk suxxettibbli jew meqjusa bħala vetturi għas-settiċemija emorraġika virali skont l-Anness XXX tar-Regolament (UE) 2020/692 | | L-ispeċijiet kollha elenkati | AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER | | | | |
| | | | | | FISH-CRUST-HC | A | | | |
| | US-1 | L-ispeċijiet kollha elenkati | | | AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER | | | | |
| | | | | | FISH-CRUST-HC | A | | | |
| | US-2 | | L-ispeċijiet kollha elenkati | | MOL-HC | B | | | |
| | US-3 | | L-ispeċijiet kollha elenkati | | MOL-HC | B | | | |
| | US-4 | | L-ispeċijiet kollha elenkati | | MOL-HC | B | | | |
| | US-5 | | L-ispeċijiet kollha elenkati | | MOL-HC | B | | | |
| **ZA** L-Afrika t'Isfel | ZA-0 | L-ispeċijiet kollha elenkati | | | AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER | | | | |
| | | | | | FISH-CRUST-HC | A | | | |

[1] Inklużi Puerto Rico, il-Gżejjer Verġni tal-Istati Uniti, is-Samoa Amerikana, Guam u l-Gżejjer Mariana tat-Tramuntana.

*TAQSIMA B*

**Lista ta’ pajjiżi terzi jew territorji, jew iż-żoni jew kompartimenti tagħhom li minnhom id-dħul fl-Unjoni ta’ kunsinni ta’ molluski u krustaċji tal-ispeċijiet elenkati maħsuba biex jinżammu għal finijiet ornamentali f’faċilitajiet magħluqin kif imsemmi fil-punt (ii)(t) tal-Artikolu 3(1), huwa awtorizzat**

| **Kodiċi ISO u isem**it-territorju jew il-pajjiż terz | **Kodiċi taż-żona jew tal-komparti-ment**kif stabbilit fil-Parti 2 | **Ċertifikati tas-saħħa tal-annimali** | **Kundizz-jonijiet speċifiċi**kif stabbilit fil-Parti 3 | **Garanziji tas-saħħa tal-annimali**kif stabbilit fil-Parti 4 | **Data tal-għeluq** | **Data tal-ftuħ** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **1** | **2** | **3** | **4** | **5** | **6** | **7** |
| **AU** L-Awstralja | AU-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **BZ** Il-Belize | BZ-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **CA** Il-Kanada | CA-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **CG** Il-Kongo | CG-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **CK** Il-Gżejjer Cook | CK-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **CN** Iċ-Ċina | CN-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **CM** Il-Kamerun | CM-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **CO** Il-Kolombja | CO-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **CR** Il-Costa Rica | CR-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **CU** Il-Kuba | CU-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **DJ** Il-Djibouti | DJ-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **DO** Ir-Repubblika Dominicana | DO-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **EC** L-Ekwador | EC-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **EG** L-Eġittu | EG-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **ET**<br>L-Etjopja | ET-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **FJ**<br>Il-Fiġi | FJ-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **FM**<br>Il-Mikroneżja | FM-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **GB**<br>Ir-Renju Unit | GB-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **GG**<br>Il-Guernsey | GG-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **GH**<br>Il-Ghana | GH-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **HK**<br>Il-Ħong Kong | HK-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **ID**<br>L-Indoneżja | ID-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **IL**<br>L-Iżrael | IL-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **IN**<br>L-Indja | IN-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **IM**<br>L-Isle of Man | IM-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **JE**<br>Jersey | JE-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **JP**<br>Il-Ġappun | JP-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **KE**<br>Il-Kenja | KE-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **KI**<br>Kiribati | KI-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **KN**<br>Saint Kitts u Nevis | KN-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **LK**<br>Is-Sri Lanka | LK-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **MG**<br>Il-Madagaskar | MG-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **MH**<br>Il-Gżejjer Mars-hall | MH-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **MV**<br>Il-Maldivi | MV-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **MW**<br>Il-Malawi | MW-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **MX**<br>Il-Messiku | MX-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **MY**<br>Il-Malasja | MY-1 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **NC**<br>Il-Kaledonja Ġdida | NC-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **NE**<br>In-Niġer | NE-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **NG**<br>In-Niġerja | NG-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **NI**<br>In-Nikaragwa | NI-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **NR**<br>Nauru | NR-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **NU**<br>Niue | NU-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **PA**<br>Il-Panama | PA-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **PE**<br>Il-Perù | PE-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **PF**<br>Il-Polineżja Franċiża | PF-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **PG**<br>Papua New Guinea | PG-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **PH**<br>Il-Filippini | PH-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **PN**<br>Il-Gżejjer Pitcairn | PN-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **PW**<br>Palau | PW-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **PY**<br>Il-Paragwaj | PY-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **SB**<br>Il-Gżejjer Solomon | SB-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **SG**<br>Singapore | SG-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **SL**<br>Sierra Leone | SL-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **SO**<br>Is-Somalja | SO-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **TG**<br>It-Togo | TG-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **TH**<br>It-Tajlandja | TH-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **TK**<br>Tokelau | TK-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **TO**<br>Tonga | TO-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **TT**<br>Trinidad u Tobago | TT-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **TV**<br>Tuvalu | TV-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **TW**<br>It-Tajwan | TW-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **TZ**<br>It-Tanżanija | TZ-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **US**<br>L-Istati Uniti ([1]) | US-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **VN**<br>Il-Vjetnam | VN-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **WF**<br>Wallis u Futuna | WF-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **WS**<br>Samoa | WS-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **ZA**<br>L-Afrika t'Isfel | ZA-0 | AQUA-ENTRY-ESTAB/ RELEASE/OTHER | | | | |
| **ZM**<br>Iż-Żambja | ZM-0 | AQUA-ENTRY-ESTTAB/ RELEASE/OTHER” | | | | |

([1]) Inklużi Puerto Rico, il-Gżejjer Verġni tal-Istati Uniti, is-Samoa Amerikana, Guam u l-Gżejjer Mariana tat-Tramuntana.